

# Aħbar Tajba

Ġer 31, 31-34
S 50, 3-4, 12-15
Lhud 5, 7-9
Ġw 12, 20-33

**"Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja,**
u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi."

Ma nafx intom kontux bħali, imma jien meta kont żgħir tgħidx kemm kont inħobb nilgħab bil-kalamiti. Kienet l-hena tiegħi nsib affarijiet magħmulin mill-metall ta' daqs u piż differenti biex nara kif jiċċaqilqu x'ħin inressaq il-kalamita lejhom. B'kalamita żgħira kont inċaqlaq oġġetti żgħar bħall-*paperclips*, filwaqt li b'kalamita ikbar kont niġbed affarijiet daqsxejn ikbar. Għall-ewwel kienet qisha logħba imma mbagħad bdejna nitkellmu dwarhom l-iskola u verament bdejt nifhem aħjar kif jaħdmu l-kalamiti u l-qawwa tagħhom.

Imma l-kalamita tista' tgħinna nifmhu ftit aħjar il-kliem ta' Ġesù tal-lum ukoll. Ġesù jgħidilna: "Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja, u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi." Kull darba li naqra dawn il-kelmiet niftakar fil-kalamita u kif l-affarijiet tal-metall l-oħra jinġibdu minnha. Tgħid Ġesù kellu f'moħħu li nkunu nixbhu xi ftit lil dawk il-biċċiet tal-metall li jinġibdu mill-kalamita?

Ġesù, fl-Evanġelju tal-lum qed ifakkarna li l-ħajja Nisranija u l-fidi tagħna mhumiex okkażjonijiet jew laqgħa ta' darba kultant, imma xi ħaġa ferm aktar minn hekk. Għax kultant aħna nikkuntentaw ruħna bil-ftit. Nisma' l-quddies il-Ħadd; nieħu sehem fil-festi prinċipali; inqerr meta jkolli bżonn; qisu dawn kienu dak kollu li tfisser tkun Nisrani. Inkunu bħal dawk il-Griegi fl-Evanġelju li xtaqu jiltaqgħu darba ma' Ġesù.

Imma Ġesù jridna nifmhu li l-ħajja Nisranija mhux lista ta' okkażjonijiet speċjali, imma mixja ta' kuljum. "Fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi," jgħidilna Ġesù. Mela l-jiem tagħna rridu ngħixuhom b'Ġesù magħna, nagħżlu postijiet li jgħinuna nsiru nafuh aħjar, u ħbieb li jqarrbuna lejh.

Jekk irridu li Ġesù jkun bħal dik il-kalamita li tiġbidna lejh, irridu nersqu lejh aħna l-ewwel nett, u qatt ma nitilfu opportunità li nsiru nafuh ftit iktar. Għalhekk, in-Nisrani veru mhux kuntent jirriserva siegħa fil-ġimgħa għall-quddies tal-Ħadd, qisu kien biżżejjed, imma jfittex li jkun parti minn grupp li jgħinu jikber fil-fidi tiegħu, u magħhom, barra li jieħu sehem fil-quddies il-Ħadd, ikompli jitlob u jitgħallem kif jista' jkun Nisrani aħjar. Ejjew nistinkaw biex inkunu l-eqreb li nistgħu lejn Ġesù għax ma hemm l-ebda 'kalamita tal-ħajja' iktar b'saħħitha minnu.

**“Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja,**
u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi.”



## SAN ĠUŻEPP

San Ġużepp, kien min-nisel tas-Sultan David, u kien daqsxejn ta' ħaddiem bis-sengħa ta' mastrudaxxa, f'Nazzaret.

Dan il-bniedem umli, twajjeb u qaddis kellu responsabbiltà mill-akbar fdata f'idejh, jew aħjar ġie mogħti lilu privileġġ uniku, dak li jieħu ħsieb lill-iben ta' Alla.

Erbgħin jum wara t-twelid tat-Tarbija, mar fit-tempju ta' Ġerusalemm flimkien mal-Madonna, biex jippreżentaw lit-Tarbija lil Alla, skont il-Liġi ta' Mose'.

Xhur sew wara, fuq twissija mill-anġlu, ħa 'l Marija u 'l Ġesù u telaq bihom minn Betlem lejn l-Eġittu fejn baqa' sakemm miet is-Sultan Erodi li ried joqtol lit-tarbija Ġesù.

Meta darba Ġesù, tifel ta' tnax-il sena, intilef, San Ġużepp baqa' ma' Marija jfittxuh sakemm sabuh.

Bla dubju San Ġużepp miet qabel il-passjoni ta' Ġesù, għax kieku Ġesù ma kienx ser jafda' lil ommu f'idejn San Ġwann.

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp bdiet fir-raba' seklu mill-Insara Kopti fl-Eġittu. Fl-1621, il-Papa Girgor XV għamel il-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu bl-obbligu tal-quddies. Fl-1870, il-Papa Piju IX, ipproklamah Patrun tal-Knisja Universali, u fl-1955, il-Papa Piju XII iddikjarah Patrun tal-Ħaddiema.

**Talba:**

B'ferħ kbir rajt il-Feddej, mimdud f'maxtura, li kien imħabbar mill-profeti kollha, u l-ewwel wieħed kont li, flimkien m'ommu, inxtħett biex tqimu. (Mill-innu ta' Sbiħ il-Jum)




Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!

ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT! www.sayitmalta.com 32, Tarxien rd Paola YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




Promozzjoni

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.



mediacentre YOUTHEME FOUNDATION